KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.6.2004
KUMM(2004) 448 finali

2004/0137 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għal skopijiet ta' riċiklaġġ ta' flus, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fil-qosor

L-isforz tal-Komunità biex tikkombatti r-riċiklaġġ ta' flus hu rifless fid-Direttivi ta' l-1991 u l-2001. Id-Direttiva ta' l-1991 segwiet mill-viċin ir-rakkomandazzjonjiet tat-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja dwar ir-Riċiklaġġ ta' flus (FATF), li hi l-istandard dinji f'dan il-qasam.

Id-Direttiva ta' l-1991 iddefiniet ir-riċiklaġġ ta' flus f'termini ta' reati tad-drogi u imponiet obbligazzjonijiet fis-settur finanzjarju biss. L-emendi ta' l-2001 estendew il-kamp ta' applikazzjoni kemm f'termini ta' x'delitti u x'firxa ta' professjonijiet u attivitajiet huma koperti.

Id-Direttiva ta' l-2001 ħalliet miftuħa d-definizzjoni preċiża ta' reati serji u talbet lill-Kummissjoni biex fl-2004 tpoġġi fuq il-mejda l-proposti dwar dan is-suġġett.

F'Ġunju 2003 il-FATF irrevediet ir-Rakkomandazzjonijiet tagħha li issa jkopru wkoll il-finanzjament tat-terroriżmu. Il-proposta preżenti għal direttiva tagħmel ukoll referenza spe ċifika għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u taħseb għall-bidliet li hemm bżonn sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-Erbgħin Rakkomandazzjoni reveduti tal-FATF.

Introduzzjoni

L-isforz tal-Komunità biex tipprevjeni u tikkumbatti r-riċiklaġġ ta' flus (l-isforzi tal-kriminali biex jaħbu l-oriġini illiċiti ta' qligħ kriminali) beda bid-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskopijiet ta' riċiklaġġ ta' flus.

Id-Direttiva ta' l-1991 ikkonsidrat b'mod partikolari l-Erbgħin Rakkomandazzjoni tat-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja dwar ir-Riċiklaġġ ta' flus (FATF), il-korp internazzjonali li jmexxi l-isforz globali f'dan il-qasam.

Id-Direttiva ta' l-1991 tirrikjedi li l-Istati Membri jipprojbixxu r-riċiklaġġ ta' qligħ mid-drogi, li jobbligaw lis-settur finanzjarju tagħhom ħalli jidentifika l-klijenti tagħhom, iżomm informazzjoni dokumentata, jistabbilixxi proċeduri ta' kontroll intern u jirraportaw kwalunkwe indikazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' flus lill-awtoritajiet kompetenti.

Il-limitazzjoni għall-qligħ mid-drogi malajr instabet li kienet ristrettiva wisq. Deher ukoll li l-issikkar tal-kontrolli fis-settur finanzjarju ġiegħel lir-riċiklaturi tal-flus li jfittxu metodi alternattivi ta'riċiklaġġ ta' flus.

Fl-1999, il-Kummissjoni pproponiet li titwessa' l-firxa ta' reati kriminali koperti u li tinġieb taħt id-Direttiva firxa wiesgħa ta' attivitajiet u professjonijiet mhux finanzjarji vulnerabbli.

Id-Direttiva 2001/97/KE li temenda ġiet adottata fl-4 ta' Diċembru 2001. Hi segwiet sostanzjament il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kopertura ta' attivitajiet u professjonjiet mhux finanzjarji. Fir-rigward tal-kopertura ta' attivitajiet kriminali, il-ko-leġislaturi ddeċidew li jkopru r-riċiklaġġ ta' qligħ minn reati serji. Element finali fid-definizzjoni rrefera għal reati li jiġ ġeneraw "qligħ sostanzjali" jew "kastigabbli b'sentenza iebsa ta' priġunerija". L-Artikolu 1(E) jgħid li "L-Istati Membri għandhom qabel il-15 ta' Diċembru 2004 jemendaw id-definizzjoni stipulata f'dan l-inċiż sabiex iġibu d-definizzjoni in linja mad-definizzjoni ta' delitt serju ta' l-Azzjoni Konġunta 98/699/JHA" u l-Kummissjoni ġiet mistiedna tippreżenta proposta għal dan il-għan.

Għalkemm ma kienx hemm referenza speċifika għall-finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri qablu li l-kunċett ta' reati serji għandu jkopri r-reati kollha li għandhom x'jaqsmu mal-finanzjament tat-terroriżmu. Il-proposta l-ġdida tagħmel referenza speċifika għall-kopertura tat-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu.

F'Ġunju 2003 il-FATF qablet fuq reviżjoni sostanzjali ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni biex dawn jieħdu in konsiderazzjoni l-esperjenza miksuba u l-miżuri msaħħa meħtieġa biex jikkombattu l-fenomenu b'mod aktar effettiv.

F'għadd ta' oqsma, il-FATF estendiet konsiderevolment il-livell ta' dettall fir-Rakkomandazzjonijiet tagħha, notevolment fir-rigward ta' l-identifikazzjoni u l-verifikazzjoni tal-klijenti, is-sitwazzjonijiet fejn hemm riskju ogħla ta' riċiklaġġ ta' flus li jista' jiġġustifika mi żuri msaħħa u s-sitwazzjonijiet fejn riskju mnaqqas jista' jiġġustifika kontrolli inqas rigoruż.

L-Istati Membri ta' l-UE u l-Kummissjoni jemmnu li l-Erbgħin Rakkomandazzjoni reveduti tal-FATF għandhom jiġu applikati b'mod koordinat fil-livell ta' l-UE.

Għal skopijiet ta' ċarezza ġie deċiż li tiġi abrogata d-Direttiva eżistenti u jkun propost test awtonomu ġdid. Il-punt tal-bidu tal-Kummissjoni hu li d-Direttiva l-ġdida għandha tibni fuq l-*acquis* attwali u li d-dispożizzjonijiet eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tal-professjonijiet, m'għandhiex issir referenza għalihom meta ma jkunx hemm bżonn li jsir dan.

Il-Kumitat ta' Kuntatt se jitlef il-bażi tiegħu fil-liġi tal-Komunità u Kumitat ġdid se jeħtieġ li jkun stabbilit. Il-Kummissjoni għandha tkun fdata b'poteri implimentattivi limitati f'ċerti oqsma tekniċi u għal dak il-għan għandha tkun assistita minn Kumitat ġdid dwar il-Prevenzjoni tar-Ri ċiklaġġ ta' flus b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Kummentarju fuq l-artikoli individwali tal-proposta

Artikolu 1

Ir-riċiklaġġ ta' flus kif definit fid-Direttiva għandu jkun reat kriminali. L-applikazzjoni tas-sanzjonjiet tal-liġi kriminali hi essenzjali biex tiżgura l-effettività.

Definizzjoni ġdida ta' riċiklaġġ ta' flus hi proposta speċifikament biex tkopri l-finanzjament tat-terroriżmu. It-titolu tad-Direttiva jirreferi għall-"użu tas-sistema finanzjarja għal skop ta' riċikla ġġ ta' flus, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu". Il-każ ta' propjetà skond il-liġi li tintuża biex tiffinanzja t-terroriżmu issa titqies bħala parti mid-definizzjoni ta' riċiklaġġ ta' flus. Ir-referenzi sussegwenti kollha għal riċiklaġġ ta' flus għalhekk jinkludu wkoll l-finanzjament tat-terroriżmu.

Artikolu 2

Il-proposta l-ġdida tfittex li timla ċertu vojt fil-kopertura u li ssegwi L-Erbgħin Rakkomandazzjoni riveduti tal-FATF. Hi tagħmel referenza speċifika għall-forniturи ta' servizzi fiduċjarji u tal-kumpaniji u tinkludi wkoll intermedjarji ta' l-assikurazzjoni fuq il-ħajja.

Issa hu propost li l-persuni kollha li jinnegozjaw f'oġġetti jew jipprovdu servizzi u li jaċċettaw ħlasijiet fi flus kontanti 'l fuq mit-*threshold* għandhom jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva.

Artikolu 3

Dan l-artikolu ta' definizzjonijiet jieħu post id-definizzjonijiet kollha mid-Direttiva ta' qabel. Hu jagħmel aġġustamenti tekniċi lil ċerti definizzjonijiet, jagħmel emendi aktar sostanzjali lil o ħrajn u jżid ukoll ċerti definizzjonijiet ġodda.

Id-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja hi emendata skond il-metodu segwit mill-FATF. Kwalunkwe impriża li twettaq negozju finanzjarju fuq il-linji speċifikati hi kkunsidrata li tkun istituzzjoni finanzjarja imma l-Istati Membri jitħallew ma japplikawx id-Direttiva f'sitwazzjonijiet ta' riskju baxx ħafna.

Definizzjonijiet miżjuda huma ta' intermedjarji ta' l-assikurazzjoni, terroriżmu, sid benefiċjarju, fornituri ta' servizzi fiduċjarji u tal-kumpaniji, persuni esposti politikament (PEPs), il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja, ir-relazzjoni tan-negozju u *shell banks*.

L-iktar emendi sostanzjali għandhom x'jaqsmu mad-definizzjoni ta' attività kriminali. It-terrori żmu hu introdott bħala element separat u r-reati serji kollha kif definiti fit-tielet pilastru ta' l-istrument relevanti għandhom ikunu koperti. Dan se jirriżulta f'metodu iktar koordinat, g ħalkemm il-kopertura eżatta f'kull Stat Membru għandha tkompli tiddependi fuq il-kodiċi kriminali relevanti nazzjonali.

Artikolu 5

Id-Direttiva ta' l-1991 stipulat li l-klijenti għandhom ikunu identifikati meta "jidħlu f'relazzjonijiet ta' negozju" u ma trattatx speċifikament il-każ ta' sitwazzjonjiet pre-eżistenti. It-test il-ġdid, ibbażat fuq ir-Rakkomandazzjonijiet FATF, jgħid b'mod ċar li l-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu m'għandhomx iżommu kontijiet anonimi.

Artikoli 6 u 7

Dawn l-artikoli jitrattaw fid-dettall sensiela wiesgħa ta' miżuri li l-istituzzjonijiet u l-persuni suġġetti għad-Direttiva jridu jieħdu sabiex jiżguraw li jkunu jafu lill-klijenti tagħhom u jifhmu n-natura ta' l-attivitajiet finanzjarji u ta' negozju tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet ġodda mhumiex fin-natura tagħhom radikalment differenti għal dawk li jinsabu fid-Direttiva ta' qabel. Madanakollu, in linja mar-Rakkomandazzjonijet reveduti tal-FATF, il-proposta l-ġdida fiha rekwiżiti aktar dettaljati. Huwa speċifikat li dawk il-proċeduri jistgħu jitwettqu fuq bażi sensittiva għar-riskju.

Ir-rekwiżit pjuttost ġenerali tad-Direttiva ta' qabel fuq propjetà benefiċjarja issa mhux meqjus i żjed bħala suffiċjenti. Il-persuni u l-istituzzjonijiet suġġetti għad-Direttiva għandhom jissodisfaw irwieħhom li jkunu aċċertaw u fehmu kwalunkwe sitwazjoni ta' propjetà benefi ċjarja, a bażi ta' definizzjoni ċara tal-kunċett ta' propjetà benefiċjarja. Sitwazzjonijiet partikolarment kumplessi jew opaki għandhom jattiraw viġilanza addizzjonali.

Artikolu 8

Il-prinċipju bażiku hu li l-identifikazzjoni u l-verfikazzjoni tal-klijenti għandhom jitlestew qabel tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju iżda issa hu stipulat ukoll li r-relazzjoni ta' negozju tista' tibda waqt li l-proċeduri ta' identifikazzjoni tal-klijent ikunu għadhom għaddejjin. Dan iwieġeb għal tħassib li ssemma' b'mod partikolari mill-professjonisti. Fl-istess waqt, issa huwa ddikjarat b'mod ċar li jekk l-identifikazzjoni finali tal-klijent ma tistax issir b'mod sodisfaċenti r-relazzjoni għandha tiġi terminata. Kontijiet u relazzjonijiet antiki għandhom ikunu eżaminati wkoll fil-mument adattat fejn jista' jkun hemm riskju ta' riċiklaġġ ta' flus.

Artikolu 9

Dan l-artikolu jirriproduċi d-dispożizzjonijiet ta' l-identifikazzjoni tal-klijent għall-każinos mid-Direttiva ta' l-2001.

Artikolu 10

Dan l-artikolu, imfassal bħala għażla ta' l-Istati Membri, jintroduċi l-kunċett ta' diliġenza dovuta simplifikata fejn b'mod ċar ikun hemm riskju mnaqqas ta' riċiklaġġ ta' flus u jipprovdi eżempji. Biex jiżgura il-koordinazzjoni, l-Artikoli 37 u 38 jistipulaw li l-Kummissjoni, assistita minn Kumitat ġdid, tadotta miżuri implimentattativi li jinvolvu l-istabbiliment ta' kriterji li jiddeterminaw liema sitwazzjonijiet jirrappreżentaw riskju baxx ta' riċiklaġġ tal- flus.

Artikolu 11

Hemm ukoll każijiet fejn ir-riskju ta' riċiklaġġ ta' flus hu kjarament ikbar u jrid ikun hemm attenzjoni partikolari. Dan l-artikolu jispeċifika tliet tali każijiet bħala minimu, jiġifieri każijiet fejn m'hemmx kuntatt wiċċ imb'wiċċ mal-klijent, relazzjonijiet bankarji korrispendenti ma' barra u relazzjonijiet ma' persuni esposti politikament. Hemm ukoll, il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat il-ġdid, għandha tkun tista' tadotta miżuri implimentattivi li jinvolvu l-istabbiliment ta' kriterji għad-determinazzjoni ta' sitwazzjonijiet oħrajn fejn hemm bżonn ta' diliġenza dovuta mtejba.

Artikoli 12 sa 16

Dupplikazzjoni mhux neċessarja tal-proċeduri ta' identifikazzjoni tal-klijenti tista' tkun ta' ostakolu għan-negozju leġittimu jew attivitajiet professjonali. Dan jikkonċerna, per eżempju, il-każ fejn klijent hu referut jew introdott minn bank jew avukat wieħed għal bank jew avukat ie ħor. Għandu jkun normalment possibbli għal tali klijenti li jkunu aċċettati mingħajr kwalunwe applikazzjoni mġedda tal-proċeduri ta' identifikazzjonjiet tal-klijent, bla ħsara għal ċerti salvagwardji.

Artikolu 17

Dan l-Artikolu jirripproduċi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' qabel li titlob li tingħata attenzjoni speċjali għal transazzjonijiet kumplessi jew mhux tas-soltu. Gwida utli tista' tinkiseb mix-xogħol tal-FATF dwar it-tendenzi u t-tekniki tar-riċiklaġġ ta' flus.

Artikoli 18 sa 22

Dawn l-artikoli dwar ir-rapportar ta' transazzjonijiet suspettużi jagħmlu referenza speċifika g

ħal *unit* ta' intelliġenza finanzjarja bħala l-korp responsabbli biex jirċievi u jipproċessa t-tali rapporti. Id-definizzjoni tal-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja hi meħuda mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/642/JHA tas-17 ta' Ottubru 2000.

L-arranġamenti tar-rapportar għall-professjonijiet legali u oħrajn u s-salvagwardji relevanti huma meħuda mingħajr tibdil mid-Direttiva ta' l-2001.

Artikolu 23

Huwa kkonfermat li r-rapportar ta' suspett ta' riċiklaġġ ta' flus ma jikkostitwixxix ksur ta' kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità taħt il-liġi kriminali jew ċivili. Ir-referenza għal rapporti magħmula "in bona fede" hi mibdula b'referenza għar-rapporti li jkunu magħmula b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

Artikolu 24

Din hi dispożizzjoni ġdida. Il-Kummissjoni hi konxja li xi impjegati kienu suġġetti għal theddid minħabba li jkun sar magħruf li huma jinsabu fl-oriġini tar-rapport lill-awtoritajiet li jkun wassal għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni. Għalkemm din id-Direttiva ma tistax tfittex li timmodifika l-proċeduri tal-Qrati jew tal-prosekuzzjoni ta' l-Istati Membri, dan l-Artikolu hu inkluż, minħabba l-importanza ta' din il-kwistjoni għall-effettività tad-Direttiva, ħalli jiġbed l-attenzjoni ta' l-Istati Membri lejn din il-problema serja. Huma għandhom jagħmlu dak kollu li hu fil-poter tagħhom biex iżommu lil-impjegati milli jkunu mhedda jew ivvittimizzati.

Artikolu 25

Meta jsir rapport ta' transazzjoni suspettuża l-klijent konċernat m'għandux ikun infurmat b'dan il-fatt. L-għażla ta' l-Istat Membru li tippermetti membri tal-professjonijiet li jagixxu bħala konsulenti legali biex jinfurmaw lill-klijent tagħhom li jkun qed isir rapport tneħħiet billi din mhix konformi ma' l-40 Rakkomandazzjoni reveduti tal-FATF. Huwa speċifikat, madakollu, li fejn konsulenti legali jfittxu li jiddiswadu klijent minn attività illegali dan ma jikkostitwixxix ksur ta' l-impediment fuq twissija lill-klijent.

Artikoli 26 sa 29

L-Artikolu 26 jikkonferma l-obbligazzjoni eżistenti li tinżamm informazzjoni dokumentata għal minumu ta' ħames snin. L-Artikolu 27 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji suġġetti għad-Direttiva japplikaw sakemm hu possibbli l-obbligazzjonjiet tad-Direttiva fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-klijenti fil-fergħat u s-sussidjarji tagħhom barra mill-UE. L-Artikolu 28 jistipula li istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji ta' l-UE jridu jkunu kapaċi jirrispondu b'mod s ħiħ u minnufih għal talbiet mill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja jew awtoritajiet kompetenti o ħrajn għal infomazzjoni dwar ir-relazzjonijiet tan-negozju tagħhom ma' persuni ġuridiċi jew fiżi ċi msemmija. Għalkemm il-Kummissjoni mhix qed tipproponi f'dan l-istadju reġistru mandatorju tal-kontijiet tal-banek fl-Istati Membri kollha, il-proposta il-ġdida tistabbilixxi l-g ħan imma tħalli f'idejn kull Stat Membru individwali li jiddetermina kif dan għandu jinkiseb. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-impatt ta' din id-dispożizzjoni. Fl-aħħar, l-Artikolu 29 jirrikjedi li l-Istati Membri jżommu statistiċi adattati, partikolarment dwar l-użu li jsir minn rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi u r-riżultati miksuba minnhom. Tali infomazzjoni, kif ukoll il-*feedback* imsemmi fl-Artikolu 31, tista' tkun fattur motivanti għal dawk suġġetti għad-Direttiva u tista' tgħinhom biex jiżviluppaw proċeduri iktar effettivi.

Artikoli 32 u 33

Dawn l-artikoli jitolbu li l-uffiċċji tal-kambju u l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u tal-kumpaniji jridu jkunu suġġetti għal obbligazzjoni ta' liċenzjar jew reġistrazzjoni u li l-każinos għandhom ikunu liċenzjati. L-Istati Membri jridu jirrikjedu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jimmoniterjaw il-konformita ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni suġġetti għad-Direttiva.

Artikoli 34 sa 36

Dan jindirizza l-kwistjoni tas-sanzjonijiet. Diġà nltaħqet xi approssimazzjoni tal-metodu tal-penali għar-riċiklaġġ ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA dwar ir-riċiklaġġ ta' flus u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-Artikolu 34 jirrikjedi li l-Istati Membri jimponu penali xierqa g ħal ksur tal-miżuri implimentattivi nazzjonali adottati taħt id-Direttiva. L-Artikoli 35 u 36 jittrattaw ir-responsabilità korporattiva.

L-Artikoli 37 u 38

Dan l-Artikolu 37 jistabbilixxi l-oqsma fejn il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri implimentattivi taħt il-proċedura tal-komitoloġija tad-Deċiżjoni 1999/468/KE biex tieħu in konsiderazzjoni l-i żviluppi tekniċi u tiżgura applikazzjoni uniformi tad-Direttiva.

L-Artikolu 38 jistabbilixxi Kumitat ġdid dwar il-Prevenzjoni tar-Riċiklaġġ ta' flus li jieħu post il-Kumitat tal-Kuntratti l-antik. Il-Kummissjoni, assistita minn dan il-Kumitat ġdid, għandha tadotta l-miżuri implimentattivi msemmija taħt l-Artikolu 37.

Artikoli 39 sa 41

L-Artikoli 39 jirripproduċi l-obbligazzjoni tar-rapporti għall-implimentazzjoni perjodiċi pre żenti. L-Artikolu 40 iħassar id-Direttiva ta' qabel u jagħmel referenza għal tabella ta' korrelazzjoni annessa. Fl-aħħar, L-Artikolu 41 jistipula perjodu ta' implimentazzjoni ta' 12-il xahar.

2004/0137 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għal skopijiet ta' riċiklaġġ ta' flus, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu, l-ewwel u t-tielet sentenzi, u l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[3],

Billi:

(1) Il-ġlieda kontra r-riċiklaġġ ta' flus hi waħda mill-iżjed mezzi effettivi biex tiġi kkumbattuta l-kriminalità organizzata. Barra mill-metodu tal-liġi kriminali, sforz preventiv permezz tas-sistema finanzjarja jista' jipproduċi riżultati wkoll.

(2) Is-soliditá, l-integretà u l-istabbilità ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu u l-konfidenza fis-sistema finanzjarja bħala tali tista' tiġi mhedda b'mod serju bl-isforzi tal-kriminali u ta' l-assoċjati tagħhom sew biex jaħbu l-oriġini ta' qligħ kriminali jew biex ji ċċanelljaw flus skond il-liġi għal skopijiet ta' terroriżmu. Biex tevita li Stati Membri jadottaw miżuri biex jipproteġu s-sistemi finanzjarji tagħhom li jistgħu jkunu inkonsistenti mal-funzjoni tas-suq intern, l-azzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam hi ne ċessarja. .

(3) Biex jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, ir-riċiklaturi jistgħu jippruvaw japprofittaw irwieħhom mil-libertà tal-movimenti tal-kapital u l-libertà tal-forniment ta' servizzi finanzjarji li tinvolvi ż-żona finanzjarja integrata, jekk ċerti miżuri ta' koordinament ma jiġux adottati fil-livell tal-Komunità.

(4) Biex tirrispondi għal dan it-tħassib, id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għal skop ta' riċiklaġġ ta' flus[4] kienet adottata. Hi tirrikjedi li l-Istati Membri jipprojbixxu r-riċiklaġġ ta' flus u

---

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .

jobbligaw s-settur finanzjarju, li hu magħmul mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u firxa wiesgħa ta' istituzzjonjiet finanzjarji oħra, biex jidentifikaw il-klijenti tagħhom, iżommu informazzjoni dokumentata xierqa, jistabbilixxu proċeduri interni biex iħarrġu l-istaff u joqgħodu attenti kontra r-riċiklaġġ ta' flus u jirraportaw kwalunkwe indikazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' flus lill-awtoritajiet kompetenti.

(5) Ir-riċiklaġġ ta' flus normalment iseħħ f'kuntest internazzjonali sabiex l-oriġini tal-fondi tkun tista' tinħeba aħjar. Miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jew saħansitra fil-livell tal-Komunità, mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni l-koordinament u l-kooperazzjoni internazzjonali, jkollhom effetti limitati ħafna. Il-miżuri adottati mill-Komunità f'dan il-qasam għandhom għalhekk ikunu konsistenti ma' azzjoni oħra me ħuda f'fora internazzjonali oħra. L-azzjoni tal-Komunità għandha tkompli tieħu kont partikolari ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni tat-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja dwar ir-Riċiklaġġ ta' flus (minn hawn 'il quddiem imsejħa "FATF"), li tikkostitwixxi l-iktar korp internazzjonali attiv fil-ġlieda kontra r-riċiklaġġ ta' flus u l-finanzjament tat-terrori żmu. Minħabba li l-Erbgħin Rakkomandazzjoni tal-FATF kienu sostanzjalment reveduti u mwessa' fl-2003, id-Direttiva tal-Komunità għandha tinġieb in linja ma' dan l-istandard internazzjonali ġdid.

(6) Il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) jippermetti li l-Membri jadottaw miżuri neċessarji biex jipproteġu l-morali pubbliċi, jipprevjenu l-frodi u jadottaw miżuri għal raġunijiet prudenzjali, inkluż biex jiżguraw l-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja.

(7) Għalkemm inizjalment limitata għar-reati tad-drogi, fis-snin riċenti kien hemm it-tendenza lejn definizzjoni iktar wiesgħa ta' riċiklaġġ ta' flus ibbażata fuq firxa iktar wiesgħa ta' reati relatati jew li jikkawżawhom. Firxa iktar wiesgħa ta' reati relatati tiffa ċilita r-rapportar ta' transazzjonijiet suspettużi u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Għalhekk, id-definizzjoni ta' delitti serji għandha tinġieb in linja mad-definizzjoni ta' delitti serji fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar ir-riċiklaġġ ta' flus, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiska ta' l-istrumentalitajiet tad-delitt u tal-qligħ minnu[5].

(8) Iżjed minn hekk, il-firxa ta' attività kriminali li fuqha hi bbażata d-definizzjoni ta' riċikla ġġ ta' flus għandha titwessa' biex tinkludi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu. Tabilħaqq, l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja biex minnha jgħaddu flus kriminali jew anke flus nodfa għal skopijiet ta' terroriżmu hu ta' riskju serju għall-integrità, it-tħaddim sew, ir-reputazzjoni u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Skond dan, id-definizzjoni ta' riċiklaġġ ta' flus għandha tkun emendata biex tkopri mhux biss il-manipulazzjoni ta' flus li jkunu ġejjin mill-kriminalità imma wkoll il-ġbir ta' flus leġittimi għal skopijiet ta' terroriżmu. Barra minn hekk, it-terroriżmu għandu jifforma parti mil-lista ta' delitti serji.

(8a L-obbligazzjoni ġenerali li tadotta sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u diswassivi marbuta ma' l-obbligazzjoni kriminali ta' l-Artikolu 1, tfisser li s-sanzjonijiet kriminali g ħandhom japplikaw għal persuna fiżika li tikser l-obbligazzjonijiet dwar l-identifikazzjoni tal-klijent, iż-żamma ta' informazzjoni dokumentata u r-rapportar ta'

---

4 ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, 28.12.2001, p.76).

5 ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.

transazzjonijiet supsettużi għal skop ta' riċiklaġġ ta' flus, tali persuni jkunu meqjusa li ppartecipaw fl-attività tas-suq tal-flus.

(9) Id-Direttiva 91/308/KEE, għalkemm timponi obbligazzjoni ta' identifikazzjoni tal-klijent, fiha relattivament ftit dettalji dwar il-proċeduri relevanti. Fid-dawl ta' l-importanza kruċjali ta' dan l-aspett tal-prevenzjoni kontra r-riċiklaġġ ta' flus, huwa xieraq, b'mod konformi ma' l-istandards internazzjonali l-ġodda, li jiġu introdotti dispożizzjonijiet aktar speċifiċi u detaljati li għandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni u l-verifikazzjoni tal-klijent u ta' kwalunkwe sid benefiċjarju. Għal dan il-għan, definizzjoni preċiża ta' "sid benefiċjarju" hi essenzjali.

(10) Il-projbizzjoni biss tar-riċiklaġġ ta' flus mhix suffiċjenti u huwa neċessarju li jkunu previsti sanzjonijiet tal-liġi kriminali biex jiżguraw li r-riċiklaġġ ta' flus, inkluż ll-finanzjament tat-terroriżmu, jkun prevenut b'mod effettiv. Għalhekk, ir-riċiklaġġ ta' flus għandu jsir reat kriminali taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità.

(11) Malli l-issikkar tal-kontrolli fis-settur finanzjarju jġiegħel lir-riċiklaturi jfittxu metodi alternattivi biex jaħbu l-oriġini tal-qligħ mill-kriminalità, l-obbligazzjonjijiet kontra r-riċiklaġġ ta' flus għandhom ikunu estiżi għall-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-forniturі ta' servizzi fiduċjarji u tal-kumpaniji.

(12) Id-Direttiva 91/308/KEE, kif emendata, tiġbor in-nutara u l-professjonijiet legali indipendenti fl-ambitu tar-reġim tal-Komunità kontra r-riċiklaġġ ta' flus; din il-kopertura għandha tinżamm l-istess fid-Direttiva il-ġdida; dawn il-professjonijiet legali, kif definiti mill-Istati Membri, huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva meta jippartecipaw fi transazzjonijiet finanzjarji jew korporattivi, inklużi dawk li jagħtu l-pariri dwar it-taxxa, fejn hemm l-ikbar riskju li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jkunu użati ħażin għal skopijiet ta' riċiklaġġ ta' qligħ minn attività kriminali.

(13) Fejn membri indipendenti tal-professjonijiet li jipprovdu pariri legali li huma rikonoxxuti u kontrollati, bħal avukati, jaċċertaw li l-pożizzjoni legali tal-klijent jew ta' rappre żentant tal-klijent fil-proċeduri legali, ma jkunx adattat taħt id-Direttiva li dawn il-professjonijet legali fir-rispett ta' dawn l-attivitajiet jitpoġġew taħt l-obbligazzjoni li jirraportaw suspetti ta' riċiklaġġ ta' flus. Għandu jkun hemm eżenzjonjiet minn kwalunkwe obbligazzjoni li tiġi rrapportata informazzjoni miksuba sew qabel, matul jew wara proċeduri ġudizzjarji, jew waqt li tkun qed tiġi aċċertata l-pożizzjoni legali għal klijent. Għalhekk, il-parir legali għandu jibqa' suġġett għall-obbligazzjoni legali tas-segretezza professjonali sakemm il-konsulent legali ma jkunx qed jieħu sehem fl-attivitajiet tar-riċiklaġġ ta' flus, il-parir legali hu pprovdut għal skopijiet ta' riċiklaġġ ta' flus, jew l-avukat ikun jaf li l-klijent ikun qed ifittex parir legali għal skopijiet ta' riċiklaġ ġ ta' flus.

(14) Servizzi komparabbli direttament m'għandhomx ikunu trattati bl-istess manjiera meta prattikati minn kwalunkwe professjonisti koperti b'din id-Direttiva. Biex jiżguraw ir-rispett lejn id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedam u l-Libertajiet Fundamentali u t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, fil-każ ta' awdituri, akkawntants esterni u konsulenti tat-taxxa li, f'xi Stati Membri, jistgħu jiddefendu jew jirrappreżentaw klijent fil-kuntest ta' proċeduri ġuridiċi jew jaċċertaw il-pożizzjoni legali tal-klijent, l-informazzjoni li huma jiksbu fit-twettiq ta' dawn il-ħidmiet m'għandhiex tkun suġġetta għall-obbligazzjonijiet ta' rapportar b'mod konformi ma'

din id-Direttiva.

(15) Għandu jiġi rrikonoxxut li r-riskju ta' riċiklaġġ ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu mhux l-istess f'kull każ. In linja ma' metodu bbażat fuq ir-riskju, għandu jkun introdott il-prinċipju fil-leġislazzjoni tal-Komunità li diliġenza dovuta tal-klijenti simplifikata g ħandha titħalla f'każijiet xierqa.

(16) Bl-istess mod, il-leġislazzjoni tal-Komunità għandha tirrikonoxxi li ċerti sitwazzjonijiet jippreżentaw riskju ikbar ta' riċiklaġġ ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu; g ħalkemm l-identità u l-profil tan-negozju tal-klijenti kollha jridu jkunu stabbiliti, jkun hemm każijiet fejn identifikazzjoni tal-klijent u proċeduri ta' verifikazzjoni partikolarment rigoruż huma meħtieġa.

(17) Filwaqt li dan hu partikolarment veru għal relazzjonijiet ta' negozju ma' individwi li jokkupaw, jew li kienu jokkupaw, pożizzjonijiet pubbliċi importanti, partikolarment dawk li ġejjin minn pajjiżi fejn il-korruzzjoni hi mifruxa sew; tali relazzjonijiet jistgħu jesponu lis-settur finanzjarju b'mod partikolari għal reputazzjoni u/jew riskji legali sinifikanti. Attenzjoni msaħħa għal tali każijiet hija wkoll ġustifikata bl-isforz internazzjonali biex tiġi kkombattuta l-korruzzjoni.

(18) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċizzju ta' implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni[6].

(19) Minħabba li l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva huma miżuri ta' ambitu ġenerali fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Deċizjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq, huma għandhom ikunu adottati bl-użu tal-proċedura regolatorja stipulata fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni. Għal dak il-għan Kumitat ġdid dwar il-Prevenzjoni tar-Riċiklaġġ ta' flus, li jieħu post il-Kumitat ta' Kuntatt dwar ir-Riċiklaġġ ta' flus stabbilit bid-Direttiva 91/308/KEE, għandu jkun stabbilit.

(20) Biex ikun evitat li jiġu repetuti proċeduri ta' identifikazzjoni tal-klijent, li jwasslu għal dewmien u ineffiċjenza fin-negozju internazzjonali, huwa xieraq, bla ħsara għas-salvagwardji xierqa, li klijenti li l-identifikazzjoni tagħhom tkun saret x'imkien ieħor jit ħallew jiġu introdotti.

(21) Rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi għandhom jiġu rrapportati lill-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra r-riċiklaġġ ta' flus. It-tali awtoritajiet huma issa ġeneralment referuti bħala *units* ta' intelliġenza finanzjarja u din it-terminoloġija g ħandha tintuża wkoll f'din id-Direttiva. L-Istati Membri kollha għandhom ikollhom *unit* ta' intelliġenza finanzjarja u għandu jkun magħmul ċar li attentati ta' riċiklaġġ ta' flus jrid ikun irrapportat ukoll.

(22) Kien hemm numru ta' każijiet fejn l-impjegati li jirraportaw is-suspetti tagħhom ta' ri ċiklaġġ ta' flus ikunu suġġetti għal theddid jew fastidji. Għalkemm din id-Direttiva ma tistax tinterferixxi fil-proċeduri ġudizzjarji ta' l-Istati Membri, dan hu suġġett kruċjali g ħall-effettività tas-sistema kontra r-riċiklaġġ ta' flus. L-Istati Membri għandhom ikunu konxji ta' din il-problema u għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jipproteġu lill-

[6] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

impjegati minn tali fastidji.

(23) Ir-riċiklaġġ ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma problemi internazzjonali u l-isforz biex jikkumbattuhom jiġu kkombattuti għandu jkun globali. Fejn istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu tal-Komunità għandhom fergħat u sussidjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi fejn il-leġislazzjoni f'dan il-qasam mhix adegwata, dawn għandhom, sabiex jevitaw l-applikazzjoni ta' standards differenti ħafna fi ħdan istituzzjoni jew grupp ta' istituzzjonijiet, japplikaw l-istandard tal-Komunità jew, jekk dan hu impossibbli jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tagħhom.

(24) Huwa importanti li istituzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji jkunu kapaċi jirrispondi malajr għat-talbiet għal informazzjoni minn awtoritajiet fuq jekk huma għandhomx relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni msemmijin.

(25) Biex tinżamm il-mobilizzazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u suġġetti oħrajn għal-leġislazzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam, għandu, fejn prattikabbli, ikun disponibbli għalihom *feedback* fuq l-utilità u s-segwiment tar-rapporti li huma jippreżentaw. Biex dan isir possibbli, u biex ikun possibbli li jiġu reveduti l-effettività tas-sistemi tagħhom biex jkkumbattu r-riċiklaġġ ta' flus, l-Istati Membri għandhom iżommu u jtejbu l-istatistiċi relevanti.

(26) L-importanza li jikkumbattu r-riċiklaġġ ta' flus irid iwassal lill-Istati Membri biex ifasslu b'mod effettiv, sanzjonijiet proporzjonati u diswassivi fil-liġi nazzjonali għan-nuqqas ta' rispett għad-dispożizzjonijiet nazzonali adottati skond din id-Direttiva. Minħabba li persuni legali huma ta' spiss involuti fl-operazzjonijet kumplessi tar-riċiklaġġ ta' flus, tali sanzjonijet għandhom ikunu aġġustati in linja ma' l-attività mwettqa minn persuni legali.

(27) Fl-isfond ta' emendi sostanzjali ħafna li hemm bżonn li jsiru għad-Direttiva 91/308/KEE, din għandha tinbidel għal raġunijiet ta' ċarezza.

(28) Minħabba li l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri waħedhom u għalhekk jistgħu, b'raġuni ta' l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'mod konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx 'l hinn minn dak li jkun neċessaju biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

(29) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riċiklaġġ ta' flus ikun offiża kriminali.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, l-imġieba li ġejja, meta issir intenzjonalment, għandha titqies bħala riċiklaġġ ta' flus:

(a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' propjetà, b'għarfien li t-tali propjetà ġejja minn attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'tali attività, għall-iskop ta' ħabi jew travestiment ta' l-oriġini illiċita tal-propjetà jew biex tgħin kwalunkwe persuna li tkun involuta fil-kummissjoni ta' tali attività biex ikunu evaża l-konsekwenzi legali ta' l-azzjoni tagħha;

(b) il-ħabi u t-travestiment tan-natura, sors, lokalità, dispożizzjoni, moviment, drittijiet veri fir-rigward ta', jew il-pussess tal-propjetà, b'għarfien li t-tali propjetà ġejja minn attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'tali attività;

(c) l-akkwist, pussess jew użu ta' propjetà, b'għarfien, fiż-żmien meta wieħed jeħodha, li tali propjetà tkun ġiet minn attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'tali attività;

(d) il-forniment jew il-ġbir ta' propjetà skond il-liġi, permezz ta' kwalunkwe mezzi, bl-intenzjoni li għandha tkun użata jew bl-għarfien li se tkun użata, b'mod sħiħ jew in parti, għat-terroriżmu;

(e) parteċipazzjoni, assoċjazzjoni jew kospirazzjoni li tikkommetti, tagħmel tentattivi li tikkommetti u tgħin, tħeġġeġ, tiffaċilita u tagħti pariri għall-kummissjoni ta' kwalunkwe azzjonijiet msemmija fl-inċiżi li ġejjin.

Għarfien, intenzjoni jew skop meħtieġ bħala element ta' l-attivitajiet imsemmija fl-ewwl sub-paragrafu jistgħu jintlaħqu minn oġġettivi jew ċirkustanzi fattwali.

Ir-riċiklaġġ ta' flus għandu jitqies bħala tali anke fejn l-attivitajiet li ġġeneraw il-propjetà li se ti ġi riċiklata twettqu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz.

Artikolu 2

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-istituzzjonijiet u persuni li ġejjin:

(1) istituzzjonijiet tal-kreditu;

(2) istituzzjonijiet finanzjarji;

(3) il-persuni ġuridiċi u fiżiċi li ġejjin li jaġixxu fl-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali tag ħhom:

(a) awdituri, akkawntants esterni u konsulenti tat-taxxa;

(b) nutara u professjonisti legali indipendenti oħrajn, meta dawn jipparteċipaw, sew billi jidhru f'isem jew għall-klijent tagħhom fi kwalunkwe transazzjoni finanzjarja jew ta' propjetà, jew billi jgħinu fl-ippjannar jew l-eskeuzzjoni tat-transazzjonijiet għall-klijent tagħhom dwar:

(i) ix-xiri u l-bejgħ ta’ propjetà reali jew ta’ entitajiet ta’ negozju;

(ii) l-immaniġġjar ta' flus, titoli jew assi oħra tal-klijent;

(iii) il-ftuħ jew immaniġġjar ta’ kontijiet bankarji, ta’ tfaddil jew ta’ titoli;

(iv) l-organizzazzjoni tal-kontributi neċessarji għall-ħolqien, l-operat jew l-immaniġ ġjar ta’ kumpaniji;

(v) il-ħolqien, l-operat jew l-immaniġġjar ta’ fiduċjarji, kumpaniji jew strutturi simili;

(c) fornituri ta’ servizzi fiduċjarji jew tal-kumpaniji li mhumiex diġà koperti taħt punt (a) jew (b);

(d) intermedjarji ta’ l-assigurazzjoni, meta dawn jaġixxu fir-rigward ta’ assigurazzjoni fuq il-ħajja jew assigurazzjoni ta’ investiment oħra relatata;

(e) aġenti tal-propjetà;

(f) persuni oħrajn li jinnegozjaw oġġetti jew jipprovdu servizzi, kull meta jsir pagament fi flus kontanti li jammonta għal EUR 15 000 jew iżjed, sew jekk it-transazzjoni hi mwettqa f’operazzjoni waħda jew f’diversi operazzjonijiet li jidhru li huma marbuta;

(g) każinos.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva fil-każ ta’ istituzzjonijet finanzjarja li huma involuti f’attività finanzjarja fuq bażi okkażżjonali jew limitata ħafna u fejn hemm riskju żgħir li jkun hemm riċiklaġġ ta’ flus.

Artikolu 3

Għall-iskopijiet ta’ din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) “istituzzjoni tal-kreditu” tfisser istituzzjoni tal-kreditu, kif definita fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], inklużi l-fergħat fit-tifsira ta’ l-Artikolu 1(3) ta’ dik id-Direttiva li tinsab fil-Komunità ta’ l-istituzzjonijiet tal-kreditu li jkollhom il-kwartieri ġenerali ġewwa jew barra l-Komunità;

(2) “istituzzjonijiet finanzjarji” tfisser:

(a) impriża għajr istituzzjoni tal-kreditu li twettaq waħda jew iżjed mill-operazzjonijiet inklużi fil-Punti 2 sa 12 u l-Punt 14 ta’ l-Anness I tad-Direttiva 2000/12/KE, inklużi l-attivitajiet ta’ l-uffiċċji tal-kambju tal-muniti (*bureaux de change*) u t-transmissjoni ta’ flus u uffiċċji minn fejn jintbagħatu l-flus;

(b) kumpanija ta’ l-assigurazzjoni kif awtorizzata b’mod konformi mad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], sakemm din twettaq il-ħidmiet tagħha koperti b’din id-Direttiva;

---

7 ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1.

8 ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.

(c) impriża ta'l-investiment kif definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9];

(d) impriża ta' investiment kollettiv li timmarkitja l-*units* jew l-ishma tagħha;

(e) fergħat ta' l-istituzzjonijiet msemmija fil-Punti (a) sa (d) meta jinsabu fil-Komunità ta' istituzzjonijiet finanzjarji li l-kwartieri ġenerali tagħhom huma ġewwa jew barra l-Komunità;

(3) "intermedjarja ta' l-assigurazzjoni" tfisser intermedjarja ta' l-assigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ;

(4) "terroriżmu" tfisser kwalunkwe offiżi fit-tifsira ta' l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA[11];

(5) "propjetà" tfisser assi ta' kull tip, sew jekk korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluża elettronika jew diġitali, li tixhed titolu għat-tali assi jew interess fihom.

(6) "attività kriminali" tfisser kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fil-kummissjoni ta' delitti serji.

(7) "delitti serji" tfisser, għall-inqas:

(a) terroriżmu;

(b) kwalunkwe offiża definita fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' l-1988 tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illiċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi;

(c) l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet kriminali kif definiti fl-Artikolu 1 ta' l-Azzjoni Konġunta 98/733/JHA[12];

(d) frodi, għall-inqas serji, kif definiti fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[13];

(e) korruzzjoni;

(f) l-offiżi kollha li huma kastigabbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew l-ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' dawk l-Istati li għandhom *threshold* minimu g ħal offiżi fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha kastigabbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' mhux iżjed minn sitt xhur.

(8) 'sid benefiċjarju' tfisser

(a) il-persuna fiżika li fl-aħħar, direttament jew indirettament, tippossjedi jew tikkontrolla 10% jew iżjed ta' l-ishma jew tad-drittijiet għall-vot ta' persuna ġuridika jew li b'mod ieħor jeżerċita influwenza komparabbli fuq il-ġestjoni tal-persuna ġuridika, għajr kumpanija kkwotata f'borsa

[9] ĠU L 145, 30.4.2004, p.1
[10] ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.
[11] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.
[12] ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.
[13] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.

uffiċjali li hi suġġetta għall-ħtiġijiet ta' kxif konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Komunità jew suġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti;

(b) il-persuna fiżika li hi l-benefiċjarja aħħarija, direttament jew indirettament, ta' 10% jew iżjed tal-propjetà ta' fondazzjoni, fiduċjarja jew arranġament legali simili ieħor jew li teżerċita influwenza fuq kwantità komparabbli tal-propjetà ta' fondazzjoni, fiduċjarja jew arranġament legali simili, għajr kumpanija kkwotata f'borża uffiċjali li hija suġġetta għal ħtiġijiet ta' kxif konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Komunità jew suġġetta għall-istandards internazzjonali ekwivalenti;

(c) il-persuni fiżiċi li f'isimhom tkun qed issir xi transazzjoni jew attività;

(9) "fornituri ta' servizzi fiduċjarji jew tal-kumpaniji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li permezz ta' negozju tipprovdi kwalunkwe servizz minn fost dawn li ġejjin lil partijiet terzi:

(a) il-formazjoni ta' kumpaniji jew persuni ġuridiċi oħrajn;

(b) l-aġir bħala jew l-arranġament għal persuna oħra biex taġixxi bħala direttur jew segretarju ta' kumpanija, sieħeb fi sħubija, jew pożizzjoni simili in relazzoni ma' persuni ġuridiċi oħrajn;

(c) il-provvediment ta' uffiċċju reġistrat; indirizz tan-negozju jew akkomodazzjoni, indrizz g ħall-korrispondenza jew indirizz amministrattiv għal kumpanija, sħab jew persuna ġuridika oħra jew arranġament;

(d) l-aġir bħala jew l-arranġament għal persuna oħra biex taġixxi bħala *trustee* ta' *express trust* jew aranġament legali simili ieħor;

(e) l-aġir bħala jew l-arranġament għal persuna oħra biex taġixxi bħala azzjonist nominat għal persuna oħra;

(10) "persuni esposti politikament" tfisser persuni fiżiċi li huma jew ġew fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti u li transazzjonijet sostanzjali, finanzjarji kumplessi jew ta' negozju tag ħhom jistgħu jirrappreżentaw riskju akbar ta' riċiklaġġ ta' flus u l-qraba viċini jew assoċjati vi ċini ta' tali persuni ;

(11) "Relazzjoni ta' negozju" tfisser negozju, relazzjoni professjonali jew kummerċjali li hi mistennija, fil-ħin meta jkun stabbilit il-kuntatt, li għandha element dejjiemi;

(12) "*Shell bank*" tfisser istituzzjoni ta' kreditu inkorporata f'ġurisdizzjoni li ma jkollhiex pre żenza fiżika, li tinvolvi ħsieb u ġestjoni bi skop, u li mhix affiljata ma' grupp finanzjarju regolat.

Artikolu 4

L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar b'saħħithom fil-qasam kopert b'din id-Direttiva biex jipprevjenu r-riċiklaġġ ta' flus.

Kapitolu II

Diliġenza dovuta tal-klijent

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji tagħhom milli j żommu kontijiet anonimi, kotba tal-bank anonimi jew kontijiet f'ismijiet fittizji.

Artikolu 6

L-istituzzjonijiet u persuni koperti b'din id-Direttiva għandhom japplikaw proċeduri ta' dili ġenza dovuta tal-klijent fuq il-bażi ta' dokumenti indipendenti ta' min joqgħod fuqhom, *data* jew informazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju ;

(b) meta jagħmlu transazzjonijiet okkażżjonali li jammontaw għal EUR 15 000 jew iżjed, sew jekk it-transazzjoni ssir f'operazzjoni waħda jew f'diversi operazzjonijiet li jidhru li huma marbuta;

(c) meta hemm suspett ta' riċiklaġġ ta' flus, minkejja xi derogazzjoni, eżenzjoni jew *threshold*;

(d) meta hemm dubji dwar il-veraċità jew adegwità ta' *data* ta' informazzjoni tal-klijent miksuba qabel.

Artikolu 7

1. Proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-klijent għandhom jikkonsistu fl-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifikazzjoni ta' l-identità tal-klijent;

(b) l-identifikazzjoni, fejn applikabbli, tas-sid benefiċjarju u t-teħid ta' miżuri raġjonevoli biex tiġi vverifikata l-identità tas-sid benefiċjarju b'tali mod li l-istituzzjoni jew persuna hi sodisfatta li taf min huwa s-sid benefiċjarju, inklużi fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, fiduċjarji u arranġamenti legali simili, it-teħid ta' miżuri raġjonevoli biex jinftiehemu l-pussess u l-istruttura ta' kontroll tal-klijent;

(c) il-kisba ta' informazzjoni dwar l-iskop u n-natura maħsuba tar-relazzjoni ta' negozju;

(d) amministrazzjoni kontinwa ta' diliġenza dovuta dwar ir-relazzjoni ta' negozju inkluż l-iskrutinju tat-transazzjonijiet li jsiru matul il-kors kollu ta' dik ir-relazzjoni biex ikun żgurat li t-

transazzjonijiet li jkunu qed isiru huma konsistenti ma' l-għarfien min-naħa ta' l-istituzzjoni jew tal-persuna tal-klijent, tan-negozju u tal-profil ta' riskju, inkluż, fejn neċessarju, is-sorsi tal-fondi u biex ikun żgurat li d-dokumenti, *data* jew informazzjoni mittieħda jinżammu aġġornati.

2. L-istituzzjonijiet u persuni koperti b'din id-Direttiva għandhom japplikaw kull waħda mill-ħti ġijiet ta' diliġenza dovuta tal-klijent fil-Paragrafu 1, imma jistgħu jiddeterminaw il-firxa ta' tali miżuri fuq bażi ta' sensittività għar-riskji dipendenti fuq it-tip ta' klijent, relazzjoni ta' negozju, prodott jew transazzjoni.

3. Fir-rigward tas-servizz tat-trasmissjoni tal-flus imsemmi fil-Punt 4 ta' l-Anness I tad-Direttiva 2000/12/KE, id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-identifikazzjoni tal-klijent stabbiliti fir-Regolament ..... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni tal-pagatur li takkompanja t-trasferiment tal-kreditu u t-trasferimenti esegwiti minn min jibgħat il-flus g ħandhom japplikaw.

Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva japplikaw diliġenza dovuta tal-klijent qabel u matul il-kors ta' l-istabbiliment tar-relazzjoni ta' negozju jew l-esekuzzjoni ta' transazzjoni għal klijenti okkażżjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, fejn l-istituzzjoni jew persuna kkonċernata mhix kapaċi tħares il-punti (a), (b) u (c) ta' l-Artikolu 7(1), din ma tistax tiftaħ kont, tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju jew tagħmel transazzjoni, jew għandha tittermina r-relazzjoni ta' negozju, u għandha tikkonsidra li tagħmel rapport lill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja skond l-Artikolu 19 in relazzjoni mal-klijent.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonjiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva japplikaw proċeduri ta' diliġenza dovuta mhux biss għal klijenti ġodda imma wkoll fi żminijiet xierqa għall-klijenti eżistenti fuq bażi ta' sensittività għar-riskji.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-klijenti kollha tal-każinos li jkunu identifikati u li l-identità tkun verifikata jekk huma jixtru jew jiskambjaw ċippi tal-logħob ta' valur ta' EUR 1000 jew iżjed.

2. Il-każinos suġġetti għas-superviżjoni ta' l-Istat għandhom jitqiesu fi kwalunkwe każ li jissodisfaw l-obbligazzjoni tad-diliġenza dovuta jekk huma jirreġistraw, jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tal-klijenti immedjatament mad-dħul jew qabel, irrelevanti mill-ammont ta' ċippi tal-logħob mixtrija.

Taqsima 2

Diliġenza dovuta tal-klijent simplifikata

Artikolu 10

1. Permezz tad-deroga mill-Artikoli 6, 7 u 8(2) l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva biex ma japplikawx diliġenza dovuta tal-klijent fir-rigward ta' klijenti li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' riċiklaġġ ta' flus, bħal:

(a) istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi dejjem jekk huma suġġetti għar-rekwiżiti biex jikkumbattu r-riċiklaġġ ta' flus konsistenti ma' l-istandards internazzjonali u huma sorveljati għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti;

(b) kumpaniji kkwotati li t-titoli tagħhom huma aċċettati għan-negozju fis-suq regolat fit-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KEE fi Stati Membru wieħed jew aktar u kumpaniji kkwotati minn pajji żi terzi li huma suġġetti għal rekwiżiti ta' kxif konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Komunità;

(c) sidien benefiċjarji ta' kontijiet miġbura flimkien miżmuma minn nutara u professjonisti legali indipendenti oħrajn mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi dejjem jekk huma suġġetti għal rekwiżiti biex jikkumbattu r-riċiklaġġ ta' flus konsistenti ma' l-istandards internazzjonali u huma sorveljati għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'każijiet fejn huma jikkonsidraw li pajjiż terz ma jilħaqx il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Paragrafu 1(a), (b) jew (c).

3. Permezz tad-deroga mill-Artikoli 6, 7 u 8(2) l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva biex ma japplikawx diliġenza dovuta tal-klijent fir-rigward ta' prodotti u transazzjonijiet li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' riċiklaġġ ta' flus, bħal:

(a) politika ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja fejn il-primjum annwali mhux iktar minn EUR 1000 jew il-primjum waħdani mhux iżjed minn EUR 2500;

(b) poloz ta' assigurazzjoni għal skemi ta' pensjonijiet jekk m'hemmx klawsola ta' ċediment u l-polza ma tistaz tintuża bħala kollaterali;

(c) pensjoni, sopra-annunzjoni jew skema simili li tipprovdi benefiċċji ta' l-irtirar għall-impjegati, fejn il-kontribuzzjonijiet isiru permezz tat-tnaqqis mill-pagi u r-regoli ta' l-iskema ma jippermettux l-assenjament ta' l-imgħax ta' membru taħt l-iskema;

(d) flus elettroniċi, kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/46/KE[14], fejn limiti baxxi huma imposti fuq l-ammont maħruġ, l-ammont li jista' jkun maħżun fuq apparat elettroniku jew id-daqs tat-transazzjonijiet permessi.

Artikolu 10a

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 37(3), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva milli japplikaw diliġenza dovuta simplikfikata lil istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji jew kumpaniji kkwotati mill-pajjiż terz konċernat.

[14] ĠU L 275, 27.10.2000, p. 39.

Taqsima 3

Diliġenza Dovuta tal-klijent imsaħħa

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva li japplikaw, fuq bażi ta' sensittività għar-riskji, miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent imsaħħa, barra mill-miżuri msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8(2), f'sitwazzjonijiet li min-natura tagħhom jistg ħu jippreżentaw riskju ogħla ta' riċiklaġġ ta' flus, u għall-inqas fis-sitwazzjonijiet li ġejjin b'mod konformi mat-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

Fejn il-klijent ma kienx fiżikament preżenti għal skopijiet ta' identifikazzjoni, l-Istati Membri g ħandhom jirrikjedu lil dawk l-istituzzjonijiet u persuni sabiex japplikaw waħda jew iżjed minn dawn il-miżuri:

(a) miżuri bħal assigrazzjoni li l-identità tal-klijent hi stabbilita b'evidenza dokumentarja addizzjonali;

(b) miżuri supplimentari biex jivverifikaw jew jiċċertifikaw id-dokumenti fornuti, jew li jirrikjedu ċertifikat konfermatorju minn istituzzjoni koperta b'din id-Direttiva;

(c) li l-ewwel pagament ta' l-operazzjonijiet isir b'kont miftuħ f'isem il-klijent ma' istituzzjoni ta' kreditu.

Fir-rigward ta' relazzjonijiet bankarji korrespondenti transfruntieri ma' istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri oħrajn jew pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li:

(a) jiġbru informazzjoni suffiċjenti dwar istituzzjoni respondenti biex jifhmu b'mod sħiħ in-natura tan-negozju tar-respondent u jiddeterminaw minn informazzjoni pubblika disponibbli r-reputazzjoni ta' l-istituzzjoni u l-kwalità ta' superviżjoni;

(b) jeżaminaw il-kontrolli ta' kontra r-riċiklaġġ ta' flus ta' l-istituzzjoni respondenti;

(c) jiksbu approvazzjoni mill-maniġment għoli qabel jistabbilixxu relazzjonijiet korrespondenti ġodda;

(d) jiddokumentaw ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull istituzzjoni;

(e) fir-rigward ta' pagamenti permezz tal-kontijiet, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni tal-kreditu respondenti tkun ivverifikat l-identità tal-klijenti u wettqet diliġenza dovuta kontinwa tal-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet tal-korrespondent u li tkunu kapaċi tipprovdi *data* ta' diliġenza dovuta fuq talba ta' l-istituzzjoni korrespondenti.

Fir-rigward ta' relazzjonjiet ma' persuni esposti politikament, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu dawk l-istituzzjonijiet u l-persuni biex:

(a) ikollhom sistemi ta’ ġestjoni ta’ riskju xierqa biex jiddeterminaw jekk il-klijent hux persuna esposta politikament;

(b) ikollhom l-approvazzjoni tal-maniġment għolja għat-twaqqif ta’ relazzjonijiet ta’ negozju ma' tali klijenti;

(c) jieħdu miżuri responsabbli biex jistabbilixxu s-sors ta’ beni u s-sors ta’ fondi jew billi jirrikjedu li jitwettaq monitoraġġ kontinwu tar-relazzjoni ta’ negozju.

2. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijet tal-kreditu milli jidħlu fi jew ikomplu relazzjoni bankarja korrespondenti ma’ *shell bank* jew ma’ bank rispondenti li jippermetti li l-kontijiet tiegħu jintużaw minn *shell banks*.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva jagħti attenzjoni speċjali lil xi theddida ta' riċiklaġġ ta' flus li tista' tirriżulta minn prodotti jew transazzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu l-anonimità, u jieħdu miżuri, jekk hemm bżonn, biex jipprevjenu l-użu tagħhom fi skemi ta' riċiklaġġ ta' flus.

Taqsima 4

Prestazzjoni minn pajjiżi terzi

Artikolu 12

L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva biex jiddependu fuq partijiet terzi biex iwettqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(1) (a), (b) u (c).

Madanakollu, r-responsabbiltà aħħarija għandha tibqa' taqa' fuq l-istituzzjoni jew il-persuna koperta b'din id-Direttiva li tistrieħ fuq il-parti terza.

Artikolu 13

1. Għall-iskopijiet ta' din it-Taqsima, "partijiet terzi" għandha tfisser istituzzjonijiet u persuni li huma ekwivalenti għal dawk imniżżlin fl-Artikolu 2, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huma suġġetti għal reġistrazzjoni professjonali mandatorja;

(b) japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent u miżuri ta' żamma ta' informazzjoni dokumentata ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u l-konformità tagħhom mal-ħti ġijiet ta' din id-Direttiva hi sorveljata b'mod konformi mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu V, jew jinsabu f'pajjiż terz li jimponi ħtiġijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'każijiet fejn huma jikkonsidraw li pajjiż terz ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Paragrafu 1(b).

Artikolu 13a

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 37(3), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva milli jippermettu partijiet terzi minn pajjiż terz konċernat iwettaq diliġenza dovuta tal-klijent f'isimhom.

Artikolu 14

Partijiet terzi għandhom jagħmlu l-informazzjoni bbażata fuq il-ħtiġijiet stabbiliti fl-Arikolu 7(1) (a), (b) u (c) immedjatament disponibbli lill-istituzzjoni jew persuna li għaliha l-klijent ikun qed jiġi referut.

Kopji relevanti tad-*data* ta' identifikazzjoni u ta' verifikazzjoni u dokumentazzjoni relevanti o

ħra dwar l-identità tal-klijent jew tas-sid benefiċjarju għandhom jintbagħtu minnufih mill-parti terza lill-istituzzjoni jew persuna li għaliha l-klijent ikun qed jiġi referut fuq talba.

Artikolu 15

Kull Stat Membru għandu fi kwalunkwe każ jippermetti lill-istituzzjonijiet u persuni tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 (1), (2) u (3) Punti (a) sa (d) li jirrikonoxxu u jaċċettaw ir-riżultat tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-klijent stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(a) sa (c), imwettqa b'mod konformi ma' din id-Direttiva minn istituzzjoni jew persuna msemmija fl-Artikolu 2 (1), (2) u (3) Punti (a) sa (d) fi Stat Membru ieħor u li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fl-Artikoli 12, 13 u 14, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawn il-ħtiġijiet huma bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li għalih il-klijent qed ikun referut.

Artikolu 16

Din it-Taqsima m'għandhiex tapplika għal relazzjonijiet ta' *outsourcing* jew aġenziji fejn a bażi ta' arranġament kuntrattwali l-fornitur tas-servizz ta' *outsourcing* jew aġent għandu jkun meqjus bħala sinonimu ma' l-istituzzjoni jew il-persuna koperta b'din id-Direttiva.

Kapitolu III

Obbligazzjonijiet tar-rapportar

Taqsima 1

Dispożizzjoniet ġenerali

Artikolu 17

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva je żaminaw b'attenzjoni speċjali kwalunkwe attività li huma jqisu bħala partikolarment probabbli, min-natura tagħha, li tkun relatata ma' riċiklaġġ ta' flus u b'mod partikolari transazzjonijiet kumplessi jew akbar minn tas-soltu u t-transazzjoni kollha b'tendenzi mhux tas-soltu li ma jurux skop ekonomiku jew legali.

Artikolu 18

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi *unit* ta' intelliġenza finanzjarja biex effettivament jikkumbatti r-riċiklaġġ ta' flus.

Il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja għandu jkun stabbilit bħala *unit* ċentrali nazzjonali, b'riżorsi adegwati. Hu għandu jkun responsabbli biex jirċievi, u, sa fejn huwa permess, biex jitlob, janalizza u jqassam lill-awtoritajiet kompetenti, kxif ta' informazzjoni finanzjarja li tikkonċerna qligħ li hu suspettat li ġej mill-kriminalità jew li hu meħtieġ mil-leġislazzjoni jew regolamenti nazzjonali.

Artikolu 19

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva, u fejn applikabbli d-diretturi u l-impjegati tagħhom, biex jikkooperaw b'mod sħiħ:

(a) billi direttament u mill-ewwel jinfurmaw il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja, fuq l-inizjattiva tagħhom, fejn istituzzjoni jew persuna koperta b'din id-Direttiva taf, tissuspetta jew għandha bażi raġonevoli biex tissuspetta li qed isir jew qed ikun hemm tentattiv li jsir riċiklaġġ ta' flus.

(b) billi jforni mill-ewwel lill-*unit* ta' inteliġenza finanzjarja, fuq talba tagħha, bl-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti bil-leġislazzjoni applikabbli.

2. L-informazzjoni msemmija fil-Paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni jew il-persuna li qed tibgħat l-informazzjoni. Il-persuna jew persuni nominati b'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 30 għandhom normalment jgħaddu l-informazzjoni.

Artikolu 20

1. Fil-każ tan-nutara jew professjonisti legali indipendenti oħrajn imsemmija fl-Artikolu 2(3)(b), l-Istati Membri jistgħu jinnominaw korp apposta li jirregola lili nniffsu tal-professjoni kon ċernata bħala l-awtorità li tkun informata fl-ewwel istanza minflok il-*unit* ta' inteliġenza finanzjarja. F'tali każ huma għandhom jistabbilixxu forom ta' kooperazzjoni xierqa bejn il-korp u l-*unit* ta' inteliġenza finanzjarja.

2. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati li japplikaw l-obbligazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) għal nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, akkawntants u konsulenti tat-taxxa fir-rigward ta' informazzjoni li huma jirċievu minn xi wieħed mill-klijenti tagħhom jew li jiksbu dwaru, matul l-aċċertazzjoni tal-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew waqt it-twettiq ta' ħidmiethom li jiddefendu jew jirrappreżentaw dak il-klijent fi, jew dwar pro ċeduri ġudizzjarji, inklużi pariri fuq il-bidu jew l-evitar ta' proċeduri, sew jekk it-tali informazzjoni tasal jew tinkiseb qabel jew wara t-tali proċeduri.

Artikolu 21

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva biex iżommu lura milli jagħmlu trasazzjonijiet li huma jafu jew jissuspettaw li huma relatati ma' ri ċiklaġġ ta' flus sakemm ikunu infurmaw il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja.

Il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja jista', taħt kondizzjonijiet li għandhom ikunu determinati bil-le ġislazzjoni nazzjonali, jagħti struzzjonjiet biex ma tiġix eżerċitata l-operazzjoni.

Fejn tali transazzjoni hi suspettata li twassal biex ikun hemm riċiklaġġ ta' flus u fejn il-waqfien b'dan il-mod ikun imposibbli jew probabbli li jfixkel l-isforzi biex jiġu mfittxija l-benefiċjarji ta' operazzjoni ta' riċiklaġġ ta' flus suspettata, l-istituzzjonijiet u l-persuni konċernati għandhom jinfurmaw il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja immedjatament wara.

Artikolu 22

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk, matul l-ispezzjonijiet li jsiru fl-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti, jew b'xi mod ieħor, dawk l-awtoritajiet jiskopru fatti li jistgħu jkunu ta' evidenza ta' riċiklaġġ ta' flus, huma għandhom direttament u minnufih jinfurmaw il-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' superviżjoni li għandhom is-saħħa bil-liġi jew b'regolament li jissorveljaw il-ħażna, il-kambju barrani u s-swieq ta' direttivi finanzjarji jinfurmaw lill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja jekk huma jiskopru fatti li jistgħu jikkostitwixxu evidenza ta' riċiklaġġ ta' flus.

Artikolu 23

Il-kxif b'mod konformi mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva lill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja minn istituzzjoni jew persuna koperta b'din id-Direttiva jew minn impjegat jew direttur ta' tali istituzzjoni jew persuna ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 19, 20 u 21 m'għandux jikkostitwixxi ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni jew kxif ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva, u m'għandux jinvolvi l-istituzzjoni jew il-persuna jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha b'responsabbilità ta' kwalunkwe tip.

Artikolu 24

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adattati kollha biex jipproteġu l-impjegati ta' l-istituzzjonijiet jew il-persuni koperti b'din id-Direttiva li jirraportaw riċiklaġġ ta' flus suspettat sew internament jew lill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja milli jkunu esposti għal theddid jew azzjonijiet ostili.

Taqsima 2

Projbizzjoni ta' kxif

Artikolu 25

L-istituzzjonijiet jew il-persuni koperti b'din id-Direttiva u d-diretturi u l-impjegati tagħhom m'għandhomx jikxfu mal-klijent konċernat tagħhom jew ma' persuni terzi li ġiet trasmessa informazzjoni lill-unit ta' intelliġenza finanzjarja b'mod konformi ma' l-Artikoli 19, 20 u 21 jew li qed issir jew tista' ssir investigazzjoni dwar riċiklaġġ ta' flus.

Fejn professjonisti legali indipendenti, nutara, awdituri, akkawntants u konsulenti tat-taxxa, li jkunu qed jaġixxu bħala professjonisti legali indipendenti jffittxu li jiddiswadu klijent milli jag ħmel attività illegali, dan m'għandux jikkostitwixxi kxif fit-tifsira ta' l-ewwel paragrafu.

Kapitolu IV

Iż-żamma ta' informazzjoni dokumentata u *data* statistika

Artikolu 26

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva li j żommu dokumenti u informazzjoni li ġejjin biex jintużaw bħala evidenza fi kwalunkwe investigazzjoni ta' riċiklaġġ ta' flus:

(a) fil-każ ta' proċess ta' diliġenza dovuta tal-klijent, kopja jew ir-referenzi ta' l-evidenza meħtieġa, għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara li r-relazzjoni mal-klijent tkun intemmet;

(b) fil-każ ta' relazzjonijiet ta' negozju u transazzjonijiet, l-evidenza ta' appoġġ u informazzjoni dokumentata li jikkonsistu f'dokumenti oriġinali jew kopji ammissibli fil-pro ċeduri tal-qrati taħt il-leġislazzjoni applikabbli nazzjonali għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara l-esekuzzjoni tat-transazzjonjiet jew it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' negozju;

(ċ) fil-każ ta' pagament fi flus kontanti għal ammont ta' EUR 15 000 jew iżjed, l-evidenza ta' appoġġ u l-informazzjoni dokumentata ta' dawn l-irċevuti għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara l-esekuzzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti.

Artikolu 27

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-istituzzjonijiet koperti b'din id-Direttiva biex japplikaw fil-fergħat tagħhom u s-susidjarji fejn ikollhom maġġoranza li jinsabu f'pajjiżi terzi mi żuri li għall-inqas huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dili ġenza dovuta tal-klijent u ż-żamma ta' informazzjoni dokumentata.

Fejn il-leġislazzjoni tal-pajjiż terz ma tiżgurax applikazzjoni ta' tali ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-istituzzjonijiet kollha konċernati biex jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat relevanti skond il-każ.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'każijiet fejn il-le ġislazzjoni ta' pajjiż terz ma tiżgurax l-applikazzjoni ta' miżuri meħtieġa taħt l-ewwel subparagrafu ta' Paragrafu 1.

Artikolu 28

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji tagħhom kapaċi jirrispondu b'mod sħiħ u malajr għal domandi mill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja, jew minn awtoritajiet oħrajn b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tag ħhom, dwar jekk huma għandhomx jew kellhomx fil-ħames snin ta' qabel relazzjoni ta' negozju ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi speċifikati u dwar in-natura tar-relazzjoni ta' negozju.

Artikolu 29

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma jistgħu jirrevedu l-effettività tas-sistemi tagħhom biex jikkumbattu r-riċiklaġġ ta' flus billi jżommu statistiċi komprensivi fuq materji relevanti g ħall-effettività ta' tali sistemi.

It-tali statistiċi għandhom b'mod minimu jkopru n-numru ta' rapporti ta' trasazzjonijet suspettu żi magħmula lill-*unit* ta' intelliġenza finanzjarja, is-segwiment ta' dawn ir-rapporti li jkun sar u jindikaw fuq bażi annwali in-numru ta' każijiet investigati, in-numru ta' persuni mħarrka u n-numru ta' persuni li nstabu ħatja ta' reati ta' riċiklaġġ ta' flus.

Kapitolu V

Miżuri ta' infurzar

Taqsima 1

Proċeduri interni, taħriġ u rispons

Artikolu 30

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva jistabbilixxu politiki adegwati u proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-klijent, rapportar, żamma ta' informazzjoni dokumentata, kontroll intern, eżami tar-riskji, immaniġġjar tar-riskji u kommunikazzjoni biex jipprevedu u jipprevjenu operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-ri ċiklaġġ ta' flus.

Artikolu 31

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva jieħdu miżuri xierqa sabiex l-impjegati tagħhom ikunu konxji tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu parteċipazzjoni ta' l-impjegati relevanti f'programmi kontinwi ta' taħriġ speċjali li jgħinhom jirrikonoxxu operazzjonijiet li jistgħu jkunu relatati mar-riċiklaġġ ta' flus kif ukoll jagħtuhom struzzjonijiet dwar kif għandhom jipproċedu f'każijiet b ħal dawn.

Fejn persuna fiżika li taqa' f'xi waħda mill-kategoriji mniżżlin fl-Artikolu 2(3) tagħmel l-attivitajiet professjonali tagħha bħala impjegata ta' persuna ġuridika, l-obbligazjonjiet f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għal dik il-persuna ġuridika minflok għall-persuna fiżika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonjiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva g ħandhom aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-prattiki tar-riċiklaturi tal-flus u dwar indikazzjonijiet li jwasslu għar-rikonoxximent ta' transazzjonjiet suspettużi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull meta jkun prattikabbli, jkun ipprovdut rispons fil-waqt dwar l-effettività ta' rapporti ta' riċiklaġġ suspettat ta' flus u s-segwiment tagħhom.

Taqsima 2

Superviżjoni

Artikolu 32

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-uffiċċji tal-kambju tal-flus, fornituri ta' servizzi fidu ċjarji tal-kumpaniji għandhom ikunu liċenzjati jew reġistrati u l-każinos ikunu liċenzjati sabiex joperaw in-negozju tagħhom legalment.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-awtoritajiet kompetenti li jirrifjutaw li jilliċenzjaw jew jirreġistraw entitajiet imsemmija fil-Paragrafu 1 jekk huma ma jkunux sodisfatti li l-persuni li effettivament imexxu jew se jmexxu n-negozju tat-tali entitajiet jew is-sidien benefiċjarji tat-tali entitajiet huma persuni adatti u xierqa.

Artikolu 33

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti effettivament jimmoniterjaw il-konformità mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni kollha koperti b'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom poteri adegwati, inklużi l-possibilità li jiksbu informazzjoni, u li jkollhom riżorsi adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Taqsima 3

Penali

Artikolu 34

Il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva jridu jkunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

Artikolu 35

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur ta' l-obbligazzjonijiet dwar iż-żamma ta' informazzjoni dokumentata, l-identifikazzjoni tal-klijent u r-rapportar ta' transazzjonijiet suspettużi msemmija f'din id-Direttiva u li jsiru għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna, li taġixxi sew individwalment jew f'parti ta' organu ta' persuna ġuridika, li għandha pożizzjoni ewlenija fil-persuna ġuridika, ibbażata fuq:

a) poter ta' rappreżentazzjoni ta' persuna ġuridika,

b) awtorità biex tieħu deċiżjonijiet f'isem persuna ġuridika,

c) awtorità biex teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. Apparti mill-każijiet diġà stipulati fil-Paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' superviżżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-Paragarfu 1 tkun għamlitha possibbli li jseħħ il-ksur imsemmi fil-Paragrafu 1 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika permezz ta' persuna taħt l-awtorità tagħha.

Artikolu 36

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna ġuridika li nstabet responsabbli għall-ksur ta' l-obbligazzjonijiet fuq iż-żamma ta' informazzjoni dokumentata, l-identifikazzjoni tal-klijent u r-rapportar ta' transazzjonijiet suspettużi msemmija f'din id-Direttiva tkun kastigabbli b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u diswassivi, li għandhom, *inter alia*, jinkludu:

a) multi

b) projbizzjoni għall-aċċess ta' għajnuna jew sussidji pubbliċi;

c) projbizzjoni temporanja jew permanenti milli tipparteċipa f'attivitajiet kummerċjali;

d) tpoġġija taħt superviżjoni ġudizzjarja;

e) *winding-up* ġudizzjarju.

Kapitolu VI

Miżuri implimentattivi u emendatorji

Artikolu 37

1. Biex tieħu kont ta' l-iżviluppi tekniċi fil-ġlieda kontra r-riċiklaġġ ta' flus u biex tiżgura applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjonai għandha, b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 38(2), tadotta l-miżuri implimentattivi li ġejjin:

(a) kjarifika ta' l-aspetti tekniċi tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 3(2)(a) u (d), (5), (8), (9), (10), (11) u (12);

(b) l-istabbiliment ta’ regoli dettaljati għall-identifikazzjoni tas-sitwazzjonjiet li jirrappre żentaw riskju baxx ta’ riċiklaġġ ta’ flus kif imsemmija fl-Artikolu 10(1), (2) u (3);

(c) l-istabbiliment ta’ regoli dettaljati għal identifikazzjoni ta’ sitwazzjonijiet li jirrappre żentaw riskju għoli ta’ riċiklaġġ ta’ flus kif imsemmija fl-Artikolu 11;

(d) l-istabbiliment ta’ regoli dettaljati għall-identifikazzjoni ta’ sitwazzjonjiet fejn, b’mod konformi ma’ l-Artikolu 2(2), ikun ġustifikat li ma tiġix applikata din id-Direttiva għal ċerti impriżi li jwettqu attività finanzjarja fuq bażi okkażżjonali jew fuq bażi limitata ħafna.

2. Il-Kummissjoni għandha, b’mod konformi mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 38(2), tadotta l-ammonti msemmiija fl-Artikoli 2(f), 6(b), 9(1) u 10(2)(a) sabiex tieħu kont ta’ l-inflazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha, b’mod konformi mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 38(2), tadotta deċiżjoni fejn issib li pajjiż terz ma jissodisfax il-kondizzjonjiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1)(a), (b) jew (c) jew fl-Artikolu 13(b), jew li l-leġislazzjoni ta’ dak il-pajjiż terz ma ti żgurax l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa taħt l-ewwel subparagarfu ta’ l-Artikolu 27(1).

Artikolu 38

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar il-Prevenzjoni tar-Riċiklaġġ ta’ flus, minn hawn ’il quddiem referut bħala “il-Kumitat”.

2. Fejn issir referenza għal dan il-Paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE g ħandhom japplikaw, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonjiet ta’ l-Artikolu 8 tagħhom.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta’ tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu.

Kapitolu VII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 39

Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, u għall-inqas f’intervalli ta’ tliet snin minn hemm ’il quddiem, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 40

Id-Direttiva 91/308/KEE hi abrogata.

Referenzi għad-Direttiva abrogata għandhom jittieħdu bħala referenzi għal din id-Diretttiva u jinqraw b’mod konformi mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 41

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex iħarsu din id-Direttiva sa [daħħal id-data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva] l-aktar tard. Huma għandhom jikkomunikaw mill-ewwel lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-provedimenti, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati bit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif it-tali referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testijiet tad-dispo żizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 42

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 43

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

(Din id-Direttiva:	[Id-Direttiva 91/308/KEE)
Artikolu 1(1)	Artikolu 2
Artikolu 1(2)(a) sa (c) u (e)	Artikolu 1(C)
Artikolu 1(2)(d)	
Artikolu 2(1)	Artikolu 2a(1)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2a(2)
Artikolu 2(3)(a), (b) u (e) sa (g)	Artikolu 2a(3) sa (7)
Artikolu 2(3)(c) u (d)	
Artikolu 3(1)(1)	Artikolu 1(A)
Artikolu 3(1)(2)(a)	Artikolu 1(B)(1)
Artikolu 3(1)(2)(b)	Artikolu 1(B)(2)
Artikolu 3(1)(2)(c)	Artikolu 1(B)(3)
Artikolu 3(1)(2)(d)	Artikolu 1(B)(4)
Artikolu 3(1)(2)(e)	Artikolu 1(B), paragrafu 2
Artikolu 3(1)(3)	-
Artikolu 3(1)(4)	-
Artikolu 3(1)(5)	Artikolu 1(D)
Artikolu 3(1)(6)	Artikolu 1(E), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 3(1)(7)	Artikolu 1(E), tieni subparagrafu
Artikolu 3(1)(7)(a)	-
Artikolu 3(1)(7)(b)	Artikolu 1(E), l-ewwel inċiż
Artikolu 3(1)(7)(c)	Artikolu 1(E), t-tieni inċiż
Artikolu 3(1)(7)(d)	Artikolu 1(E), tielet inċiż
Artikolu 3(1)(7)(e)	Artikolu 1(E), r-raba' inċiż

Artikolu 3(1)(7)(f)	Artikolu 1(E), il-ħames inċiż, u t-tie subparagrafu
Artikolu 3(1)(8)	-
Artikolu 3(1)(9)	-
Artikolu 3(1)(10)	-
Artikolu 3(1)11)	
Artikolu 3(1)(12)	-
Artikolu 4	Artikolu 15
Artikolu 5	_
Artikolu 6(a)	Artikolu 3(1)
Artikolu 6(b)	Artikolu 3(2)
Artikolu 6(c)	Artikolu 3(8)
Artikolu 6(d)	Artikolu 3(7)
Artikolu 7(1)(a)	Artikolu 3(1)
Artikolu 7(1)(b) sa (d)	-
Artikolu 7(2)	-
Artikolu 7(3)	-
Artikolu 8(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 8(2) u (3)	
Artikolu 9	Artikolu 3(5) u (6)
Artikolu 10(1)(a)	Artikolu 3(9)
Artikolu 10(1)(b) u (c)	
Artikolu 10(2)(a)	Artikolu 3(3)
Artikolu 10(2)(b)	Artikolu 3(4)
Artikolu 10(2)(c)	Artikolu 3(4)
Artikolu 10(2)(d)	
Artikolu 10a	

Artikolu 11(1) l-ewwel u t-tieni paragrafu	Artikolu 3(11)
Artikolu 11(1) it-tielet u r-raba' paragrafu	-
Artikolu 11(2) u (3)	-
Artikolu 12	-
Artikolu 13	-
Artikolu 13a	
Artikolu 14	-
Artikolu 15	-
Artikolu 16	-
Artikolu 17	Artikolu 5
Artikolu 18	
Artikolu 19	Artikolu 6(1) u (2)
Artikolu 20	Artikolu 6(3)
Artikolu 21	Artikolu 7
Artikolu 22	Artikolu 10
Artikolu 23	Artikolu 9
Artikolu 24	-
Artikolu 25, l-ewwel paragrafu	Artikolu 8(1)
Artikolu 25, t-tieni paragrafu	
Artikolu 26(a)	Artikolu 4 l-ewwel inċiż
Artikolu 26(b)	Artikolu 4, it-tieni inċiż
Artikolu 26(c)	-
Artikolu 27	-
Artikolu 28	-
Artikolu 29	-
Artikolu 30	Artikolu 11(1) (a)

Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 11(1)(b), l-ewwel sentenza
Artikolu 31(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 11(1)(b) it-tieni sentenza
Artikolu 31(1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 31(2)	Artikolu 11(2)
Artikolu 32	
Artikolu 33	
Artikolu 34(1)	Artikolu 14
Artikolu 34(2)	
Artikolu 35	
Artikolu 36	
Artikolu 37	
Artikolu 38	
Artikolu 39	Artikolu 17
Artikolu 40	
Artikolu 41	Artikolu 16